# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 19**

**Citazzjoni Numru 13/09 RGM**

**Marisa mart Wayne Risiott**

**v.**

**Wayne Risiott**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-27 ta' Marzu 2015 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet *inter alia* billi: laqghet parzjalment l-ewwel talba, u ippronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet htija taz-zewg partijiet f'sehem indaqs; laqghet it-tielet talba, iddikjarat xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, illikwidatha bil-mod hemmhekk spjegat u ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammonti ta' €875 fir-rigward ta' pagamenti fuq il-'home loan' li saru minn fondi

appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti u €2,561.09 rapprezentanti sehemha mill-prezz tal-bejgh tal-vettura tat-tip Toyota TMT bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv; applikat kontra z-zewg partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu16 tal-Ligijiet ta' Malta; spejjez bla taxxa.

L-Appell

2. L-appell huwa bazat fuq tlett aggravji, tnejn jirrigwardjaw l-apprezzament tal-provi akkwiziti dwar: [1] il-htija ghas-separazzjoni, u [2] il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li t-tielet [3] aggravju jirrigwardja l-ispartizzjoni tal-ispejjez tal-kawza.

3. Ghar-ragunijiet imfissra fir-rikors tal-appell tieghu, il-konvenut qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tilqa' dan l-appell u tvarja s-sentenza abbazi tal-aggravji minnu moghtija.

4. Fir-risposta taghha prezentata fis-6 ta' Mejju 2015, l-attrici tissottometti illi l-aggravji sollevati mill-appellant m'humiex sostenibbli u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata *in toto*.

Il-Fatti

5. Fil-qosor, il-fatti relevanti huma dawn. Il-partijiet izzewwgu fl-1 ta' April 2005, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa 4 snin u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. F'dak iz-zmien, l-attrici kellha biss 18-il sena, filwaqt li l-konvenut huwa 8 snin ikbar minnha.

Matul il-konvivenza matrimonjali l-partijiet ta' sikwit kien ikollhom xi jghidu. L-attrici tilmenta mill-karattru dominanti ta' zewgha li kien igieghelha taghmel kif jghid hu u, kawza tal-eta` zghira taghha, hija kienet iccedi.

Fil-5 ta' Lulju 2008, wara litigju bejn il-partjiiet, li fih l-attrici tallega li l-konvenut heddidha li joqtolha u "sawwatha" bi *standfan*, hi telqet mid-dar u minn dak in-nhar baqghu separati *de facto*.

Wara circa gimghatejn l-attrici intlemhet tohrog mid-dar ta' ommha flimkien ma' certu Brian Seguna li kien jahdem maghha. Eventwalment dawn dahlu f'relazzjoni stabbli fil-miftuh bejniethom tant li, wara circa erba' snin, twieled wild minn din ir-relazzjoni.

L-attrici tghid li kellha titlaq mid-dar minhabba theddid da parti ta' zewgha, izda l-konvenut jghid li hi telqet mid-dar sabiex tmur tikkoabita mal-imsemmi Brian Seguna.

Sentenza Appellata

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjonijiet taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Responsabbilita` ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

"L-attrici tikkontendi illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut peress li kien hemm okkazjoni fejn heddidha li joqtolha u okkazjoni ohra fejn sawwatha bi stand fan wara liema incident telqet mid-dar u ma regghatx irritornat. Xehdet illi qabel dawk l-incidenti il-hajja matrimonjali taghhom kienet imzewqa minn episodji kontinwi ta' glied. Tghid illi kien ihalliha nieqsa mill-flus, ma kienx jaghtiha informazzjoni dwar id-dhul tieghu u kien sfurzaha jiehdu self mill-bank sabiex isir xoghol fid-dar matrimonjali izda minflok uza parti mill-flus mislufa sabiex jghaddihom lil huh li kien imdejjen ma' terzi persuni.

"Il-konvenut min-naha tieghu jikkontendi illi ghat-tkissir taz-zwieg tahti unikament l-attrici peress li jsostni li kienet telqet mid-dar matrimonjali sabiex tibda relazzjoni ma' ragel iehor, illum il-partner taghha, li minnu ghandha wkoll tarbija. Jghid li l-inkwiet serju fil-hajja matrimonjali ta' bejniethom beda meta l-attrici bdiet tahdem fl-industrija tal-films u ghamlet hbieb ma' diversi nisa separati. Jghid li bdiet tohrog spiss ma' dawn il-hbieb u tidhol lura d-dar tard bil-lejl. Xehed illi kien f'dan ix-xoghol il-gdid taghha li ltaqghet ma' certu Brian Seguna. Jichad li qatt refa jdejh fuqha. Jikkontendi illi hija vvintat l-iskuza ta' daqqa bl-istand fan sabiex titlaq mid-dar u tkun tista' tibda tikkoabita ma' dan Brian Seguna. Mir-relazzjoni ta' bejn l-attrici u Seguna twieldet tarbija fit-18 ta' Settembru 2011. Fil-fatt l-attrici u Brian Seguna kienu istitwew kawza kontra l-konvenut sabiex jigi dikjarat illi missier it-tarbija ma kienx il-konvenut izda Brian Seguna. Skond sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2013 minn din il-Qorti diversament presjeduta jirrizulta illi "ghal zmien twil qabel it-twelid tat-tarbija kienet qatghet kull relazzjoni intima mal-konvenut".

"Ikkunsidrat;

"Fil-fehma tal-Qorti l-inkwiet bejn il-partijiet kien ilu ghaddej, sew qabel ma sehhew l-ahhar episodji meta l-attrici telqet mid-dar matrimonjali. Is-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet kompliet tmur ghall-aghar meta l-attrici bdiet f'settur ta' xoghol illi fi kliemha stess kienet tispicca tasal lura d-dar ghal habta tad-9.00p.m.[1] Jirrizulta illi l-hidma tal-attrici fil-qasam tal-films ma nizlitx tajjeb mal-konvenut u l-litigji bejniethom dwar dan kienu spissi u serji. Il-konvenut beda jissuspetta illi l-attrici kellha relazzjoni adultera. Is-suspetti li kellu l-konvenut ikkonfermhom meta ftit

[1] Fol. 25.

zmien wara li l-attrici telqet mid-dar hija bdiet tifrekwenta pubblikament lil Seguna li sussegwentment spicca s-sieheb taghha u mieghu iffurmat familja. Carmen Mercieca, iz-zija tal-konvenut li toqghod faccata ta' omm l-attrici, xehdet illi wara hmistax-il gurnata li kienet telqet mid-dar matrimonjali l-attrici kienet diga qed tohrog ma' haddiehor li beda jidhol id-dar ta' ommha fejn kienet marret toqghod l-istess attrici. Kienet ukoll tara l-karrozza tieghu, tal-habib tal-attrici wara d-dar ta' omm l-attrici.

"Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi gie sodisfacentement ippruvat li l-attrici kkommettiet adulterju.

"L-attrici xehdet kif ghal numru ta' snin il-konvenut ma kienx ikun irid li johorgu u kien jippreferi joqghod id-dar. Tispjega illi finanzjarjament ma kien hemm hajja komunitarja xejn. Tghid li ma kienx ikun irid johrog flus ghall-hajja u kienet tispicca tixtri l-bzonnijiet kollha tal-hajja hi. L-attrici xehdet illi sors iehor ta' glied bejniethom kien ic-chatting fuq l-internet da parti tal-istess partijiet. Dwar l-akkuzi tal-attrici fil-konfront tal-konvenut li wettaq atti vjolenti kontra taghha, l-attrici ssemmi zewg incidenti serji fejn tallega li f'ta' l-ewwel heddidha li joqtolha u f'tat-tieni li hebb ghaliha bi stand ta' fan. Il-konvenut jichad li kkommetta dak allegat mill-attrici.

"Il-Qorti, wara li qieset il-provi migjuba qeghda temmen il-verzjoni li tat l-attrici fis-sens illi l-konvenut heddieda li joqtolha kif ukoll hebb ghaliha vjolentement fl-ahhar incident li wassal li hi titlaq mid-dar matrimonjali. Il-Qorti qed issib lill-konvenut hati ta' offizi gravi fil-konfront tal-attrici ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jiccita gurisprudenza in sostenn tas-sottomissjoni tieghu illi anke jekk il-Qorti ghandha taccetta li dawn l-episodji sehhew, il-fatt li dawn kienu incidenti izolati m'ghandiex tinstab htija fuq il-konvenut ghat-tkissir taz-zwieg.

"Fil-fehma tal-Qorti pero` incident wiehed ta' vjolenza domestika huwa gia' izzejjed. Il-gurisprudenza ccitata mill-konvenut f'dan ir-rigward tmur lura decenni u din il-Qorti minghajr ebda ezistazzjoni tistqarr li ma taqbel xejn ma' dik il-linja ta' hsieb. Gialdarba z-zwieg huwa mibni fuq il-fiducja reciproka, attakk vjolenti minn konjugi fuq l-iehor jew l-ohra, immankabilment ikisser is-sens ta' fiducja li huwa l-bazi tal-hajja matrimonjali. Fi kwlunkwe kaz, il-fatt li bejn il-partijiet gia' kien hemm glied kontinwu ghaddej bejniethom, it-theddid bil-mewt u l-attakk vjolenti da parti tal-konvenut jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni illi l-konvenut huwa hati ta' vjolenza fil-konfront tal-attrici u li allura huwa wkoll hati ghat-tkissir taz-zwieg.

"Il-glied kontinwu bejniethom kien irrenda l-hajja matrimonjali impossibbli li kellu l-kulminu tieghu fiz-zewg incidenti gravi ta' theddid bil-mewt u l-attakk vjolenti da parti tal-konvenut. It-tluq tal-attrici mid-dar matrimonjali kkonsidrat f'dan l-isfond ma jikkostitwixxiex abbandun ghaliex oggettivament kien hemm raguni valida sabiex titlaq mid-dar matrimonjali.

“Fic-cirkostanzi u kkonsidrat il-provi kollha mressqa il-Qorti hi tal-fehma illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom.

“**Sanzjoni konsegwenza tal-Htija fit-Tkissir taz-Zwieg.**

“**Artikolu 48 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

“*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

“*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

“*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

“*(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

“*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

“*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta’ dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

“**Artikolu 40 tal-Kap. 16**.

“*Kull waħda mill-persuni miżżewġin tista’ titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment*:

“**Artikolu 51 Kap.16**

“*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista’ jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f’kollox jew f’biċċa, id-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu.*

“**Artikolu 52 Kap.16**

"*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda*.

"Bis-sahha tal-artikoli appena citati il-Qorti qed tiddikjara illi gialadarba qed issib lill-attrici hatja ta' adulterju u lill-konvenut hati ta' offizi gravi fil-konfront tal-attrici, qed tikkommina fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16.

"**Komunjoni tal-Akkwisti u Beni Parafernali**.

"Irrizulta illi meta nxtrat id-dar matrimonjali l-attrici kienet ghadha minorenni u ma dehritx fuq il-kuntratt tal-akkwist. Id-dar ghalhekk tappartjeni esklussivament lill-konvenut. L-attrici ma resqet l-ebda pretenzjoni ta' proprjeta` fuq il-fond in kwistjoni izda qed tippretendi illi l-konvenut jirrifondi lilha nofs l-ammonti li l-komunjoni harget biex thallas lura self li sar mil-bank sabiex saru xogholijiet f'dan il-fond immobiljari.

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli fit-28 ta' Frar 2003 fl-ismijiet **Marthese Vella pro et noe vs George Vella** (citaz 2466/96) u jikkontendi illi gialadarba kien il-hsieb originali tal-partijiet li d-dar tinxtara flimkien allura il-flus li l-komunjoni harget biex saru x-xogholijiet f'dik id-dar ghandhom jigu kkunsidrati li intuzaw fl-interess tat-tnejn anke ghaliex skond il-konvenut l-attrici gawdit l-istess dar sakemm il-partijiet kienu flimkien. Jghid il-konvenut li d-dar ghandha titqies li tappartjeni lit-tnejn.

"F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjoni. Fis-sentenza citata mill-konvenut il-Prim' Awla kienet iddikjarat hekk:-

> "*Kwantu ghad-dar matrimonjali huwa minnu li l-art li fuqha nbniet tinsab registrata f'isem il-konvenut, akkwistata qabel iz-zwieg. B'danakollu hu stess jirrikonoxxi li din inxtrat fuq ismu ghax l-gharusa kienet taht l-eta` tant li aktar tard jiddikjara li "bhala proprjeta` tal-komunjoni ghandna d-dar matrimonjali" . Jichad kemm jichad li martu harget flejjes ghall-izvilupp ta' l-art u l-bini tad-dar il-provi juru ghal kuntrarju li maggorment kienet l-attrici u l-genituri taghha li kkontribwew ghaliha. Il-verita` hi dik mistqarra minnu stess proprju fl-ewwel Affidavit tieghu prezentat fit-2 ta' Dicembru 1998 u cioe` li kien minnu li l-art nxtrat minn missier l-attrici fuq ismu "biex tkun taghna t-tnejn"; Il-Qorti ma tistax ma tqisx il-fatt illi l-akkwist ta' l-art sar anke fl-interess ta' l-attrici, li jidher li kienet hi li zborzat il-flus ghaliha, Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna f'kazijiet konsimili illi "l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' haddiehor jiswa avvolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub". Ara fost ohrajn decizjonijiet a Vol. XXXIV P II p 430; Vol. XXXVII P I p 350; Vol. XXVII P I p 620 u Vol. XXVIII P I p 60; Dwar din id-dar l-attrici pproponiet li din tigi diviza u ssostni li dan hu possibbli li jsir billi l-fond ghandu zewg accessi. Skond il-Qrati taghna d-divizjoni ta' fond*

> *legalment hi possibbli billi, kif ragjonat, "la l-Qorti ghandha s-setgha li tkecci wiehed jew wahda mill-mizzewgin mid-dar konjugali kollha, hija legalment ghandha ukoll il-poter li tkecci minn parti maqsuma tad-dar" ("Carmena Mifsud - vs- Cristino Mifsud", Appll, 14 ta' April 1997); Il-Qorti ma tikkonsidrax din il-proposta bhala l-aktar wahda idejali fid-dawl tal-fatti maghrufa. Anzi ittendi lejn is-soluzjoni li din id-dar tinbiegh u r-rikavat jinqasam, b'dan illi ser tipprovdi perjodu ragjonevoli ta' zmien biex il-konvenut jilhaq isib sistemazzjoni alternattiva. Dan bis-sahha tas-setgha li l-ligi taghti bl-Artikolu 55(2) tal-Kodici Civili;*"

"Tali gurisprudenza kienet tkun applikabbli kieku l-attrici kienet qed tippretendi li nofs id-dar matrimonjali hija taghha. Fil-kawza odjerna dan ma hux il-kaz. L-attrici ma hiex qed tippretendi li hija proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond immobiljari de quo. Tenut kont li l-attrici mhiex qed tippretendi li ghandha tigi kkonsidrata bhala sid nofs indiviz tad-dar matrimonjali, u konsidrat ukoll li l-konvenut ma ressaqx kontro-talba f'dan is-sens, isegwi li l-konvenut ghandu jikkumpensa lill-attrici ghall-hlasijiet li ghamlet il-komunjoni tal-akkwisti sabiex thallas lura parti mis-self li kien sar sabiex gew ezegwiti xogholijiet fid-dar matrimonjali.

"**Provi dwar l-Assi u Krediti**.

"**Kuntratt ta' self tas-somma ta' Lm10,000**

"Fl-affidavit taghha Marisa Risiott tghid "Hu pero baqa' jinsisti li naghmlu d-dejn. Hu beda jghidli li d-dejn ried li niehduh halli jkun jista' jkompli jispicca d-dar u allura jiena cedejt u fil-fatt b`kuntratt li sar *fil-31 ta` Ottubru 2005* fl-atti tan-Nutar Dr. Rosella Sciberras ssellifna minghand l-HSBC Bank is-somma ta` ghaxart elef lira Maltin.(Lm10,000). Kif hadnihom pero` biddel id-diskors ghaliex minflok juzhom ghad-dar ried juzhom ghal affarijiet ohra."

"Fil-kuntratt ta' self jinghad hekk : "Permezz ta` dan l-att il-Bank qed jaghti b`titolu ta` self lill-klijenti li bl-istess titolu ta` self qed jaccettaw flimkien u solidalment bejniethom is-somma ta` ghaxart elef (LM10,000) Lira Maltin aktar l-isfel imsejjha s-somma mislufa ghall-bzonnijiet personali taghhom."[2] Il-kuntratt gie ffirmat miz-zewg partijiet.

"Fir-rigward l-attrici kompliet tixhed hekk:

> "L-ghaxart elef dejn li morna ffirmajna ghand in-Nutar Sciberras nikkonferma li kont iffirmajt ghalieh jiena wkoll. Jiena ma sibtx problema illi Wayne jiehu dak il-loan ghax dak il-loan hadnieh biex nirrangaw id-dar." [3]

"<u>**Zewg Karozzi**</u>

---

[2] Fol. 28 Dok. MRI.
[3] Fol. 396.

“Dwar iz-zewg vetturi l-konvenut xehed hekk:-[4]

> “Nghid li meta jiena u Marisa konna ghadna mizzewgin u cioe’ f`Dicembru tas-sena 2006 konna xtrajna *vettura tal-marka Peugeot 406* kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok. A. ……. “Jiena hallast il-pagamenti dovuti kollha u llum ma fadalx dejn aktar fuq din il-vettura.”

“Il-konvenut in kontro-ezami[5] fuq domanda jekk din il-Peugeot 406 ghadhiex f`idejh wiegeb “Iva”

“Rigward il-karozza TOYOTA TMT 171 l-konvenut in kontro-ezami jghid[6]:

> *“Domanda; Inti ghidt li ‘kont insuqhom jiena il-karozzi ghax hi ma kellhiex licenzja. Imbaghad gabet il-licenzja u bdiet issuqhom hi wkoll.’*
> *Risposta; Iva*
> *Domanda; Naqblu li kienet issuq biss it-Toyota?*
> *Risposta; Il-bicca l-kbira biha kienet tkun.*
>
> *“- omissis -*
>
> *“Domanda; Rigward il-karozza Toyota TMT 171 din x`ghamilt biha ?*
> *“Risposta; Bghettha fis-sena 2009*
> *“Domanda; Kif bghettha ? Ghand dealer? Ghamilt avviz fil-gazzetti?*
> *“Risposta; Jiena gibt reklam fuq il-computer u kien xtraha minghalija wiehed jismu Raymond.*
> *“Domanda : Naqblu li din it-Toyota kienet tieghek u ta` Marisa mixtrija fiz-zwieg?*
> *“Risposta; Iva tieghi u ta` Marisa u xtrajniha fiz-zwieg.*
> *“Domanda; Naqblu li kienet issuq biss it-Toyota ?*
> *“Risposta; Il-bicca l-kbira biha kienet tkun.*
> *“Domanda; Qed nurik driving license taghha li turi li hi gabet il-licenzja fis-16 t`April 2007 ?*
> *“Risposta; Wara z-zwieg ghax ahna fit-2006 jew 2005 izzewigna.”*

“Raymond Saliba xehed illi huwa xtara il-vettura Toyota ghall-prezz ta’ elfejn u mitejn lira Maltin (m2,200).[7]

“**Mobbli li ghadhom fid-Dar Matrimonjali**

“L-attrici esebiet lista ta` oggetti li qed tallega li fadal fid-dar matrimonjali.[8]

“Dwar dan il-konvenut in kontro-ezami[9] xehed hekk:

---

[4] Fol. 439.
[5] Fol. 451.
[6] Fol. 475 et seq.,.
[7] Fol. 300.
[8] Dok MRX a fol. 479.
[9] Fol. 488-489.

*"Is-set tal-ghamara jien tajtu lil Marisa. Ma nafx ezattament f`xiex kien jikkonsisti pero` kont tajtha xi haga minnhom. Kont tajthomlha l-ghassa tal-Pulizija. Il-bjankerija u quilt tajthomlha wkoll. Jiena minghalija kont tajthomlha. Id-dinner set kienet haditu Marisa. L-affarijiet tal-kcina kienet hadithom Marisa. Kellha xi haga li taghmel il-hobz biha bread bin li haditu Marisa.*

"*L-affarijiet tal-kcina ghandi platti u skieken li ghadhom hemm. Dawn li qed insemmi kienet xtrathomli ommi qabel it-tieg. Kienu jiswew xi mitt lira Maltin. Il-magna tal-weights hemmhekk ghadha. Marisa kienet xtrathieli ghall-birthday qabel it-tieg. Hadida tal-moghdija kienet xtratha ommi u ghadha hemhekk. Il-gas heater ghadu hemm u dan inxtara fiz-zwieg.Ma niftakarx xtrajnihiex it-tnejn f`daqqa l-ironing board u t-tumble drier pero wkoll it-tnejn li ahna xtrajnihom flimkien qabel iz-zwieg u l-washing machine xtrajnihom it-tnejn li ahna flimkien qabel iz-zwieg minghalija. (Rigward tumble drier hemm ircevuta esebita a Fol.498 tal-process). It-telefon tal-flus jiena ma niftakarx (Rigward television license hemm ircevuta esebita a Fol.499 tal-process) it-TV u d-DVD jiena ma niftakarx jekk hux t-tnejn f`daqqa xtrajnihom pero xtrajnihom qabel iz-zwieg. Is-salott xtrajnieh bejn tnejn qabel iz-zwieg. Mhinix cert min minna xtraha l-linfa pero` qabel iz-zwieg.*

*"Qed nigi mistoqsi apparti din il-lista x`hadet Marisa affarijiet ohra u nghid li hadet DVD portable. Qed nigi mistoqsi jekk id-DVD hux minnu li gabitulha ommha mill-Awstralja bhala rigal u nwiegeb li gabitu ommha mill-Awstralja bhala rigal ghalina t-tnejn fiz-zwieg."*

"**Depoziti Bankarji**

"Id-dokumentazzjoni rigwardanti d-depoziti bankarji jinstabu qeghdin a Fol 226 sa 230; a Fol.240 sa 242; a Fol.304 sa 305, a Fols.350 sa 351.u a Fol.405 sa 406.

"**Self li sar mill-Komunjoni lil hu l-konvenut**

"Dwar dan is-self l-attrici tghid li baqa' ammont bilancjali dovut minn hu l-konvenut lill-komunjoni. Il-konvenut jghid li huh kien hallas kollox.

"Fl-affidavit taghha l-attrici xehdet hekk dwar dan is-self[10] :-

*"Fil-fatt l-ewwel haga li ghamel kien li silef tlett elef liri Maltin LM3000 lil huh Sean Risiott. Hawn nispjega li bejn id-data tat-tieg u d-data li ssellifna l-flus mill-Bank. Wayne kien diga silef lil huh xi elf liri maltin (LM1000). Dan silifhomlu ghaliex Sean kien imdejjen man-nies li kienu qeghdin imorru ihabbtu ghand ommu u allura Wayne qabad u silfu dawn it-LM3000."*

"Min-naha tieghu il-konvenut xehed hekk dwar is-self moghti lil huh[11]":-

[10] Fol. 24.
[11] Fol. 471.

*"Domanda; Rigward Sean naqblu li inti u Marisa sliftuh lilu matul iz-zwieg LM3000 u LM1000?*
*"Risposta; B`kollox kien hemm xi LM3500.*
*"Domanda; Dawn hallashom kollha lura?*
*"Risposta; Iva"*

"**Banek.**

"A Fol.228 tal-process **r-rapprezentant tal-HSBC** Audrey Ghigo semmiet kont bankarju li infetah f`isem Wayne Risiott fis-16 ta` Gunju 2001 (Dok.AG1) (jigifieri qabel iz-zwieg li gie celebrat fl-2005) u li huwa current account bin-numru 089058150001. Sat-30 t`Ottubru 2009 kien hemm zbilanc ta` Euros 395.45c.

"L-istess rapprezentant tal-HSBC tirreferi ghal *home loan* bin-numru 14090737[12] li infetah fid-29 ta` Awwissu 2003 (jigifieri qabel id-data taz-zwieg) li huwa fuq isem Wayne Risiott biss u li inghata *"to end finance purchase of own residence." (esebit fil-Volume 1 bhala Dok. AG6 a Fol.128 tal-process).* Skond din ix-xhud l-ahhar pagament akkont sar fit-8 ta` April 2009.

"**Ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta** Joseph Borg Cardona xehed dwar xi kontijiet tal-konvenut li jinsabu bi zbilanc..

"**Konkluzzjonijiet tal-Qorti dwar l-aspett patrimonjali.**

"Il-konvenut kien ottjena 'home loan' mill-HSBC Bank plc. Isegwi ghalhekk illi l-pagamenti li huwa effettwa matul iz-zwieg b'rifuzzjoni tal-ammont misluf minnu personalment ghall-xogholijiet fil-fond immobiljari proprjeta` esklussivament tieghu, saru minn fondi komuni. Ghaldaqstant huwa ghandu jirrifondi lill-attrici nofs l-ammonti li matul iz-zwieg thallsu b'rifuzzjoni tal-ammont hekk misluf. Skond prospett esebiet mir-rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta plc[13] jirrizulta illi fid-29 ta' Awissu 2003 kienu gew mislufa mill-konvenut is-somma ta' Lm15,000.00. Il-partijiet izzewgu fl-1 ta' April 2005. Ghaldaqstant l-attrici hi intitolata ghall-nofs il-pagamenti li saru lill-bank mill-1 ta' April 2005 sallum. Il-pagamenti li dwarhom saret prova dwarhom gew effettwati bejn l-1 ta' April 2005 u t-23 ta' Ottubru 2009 u jammontaw ghal elf, seba' mija u hamsin ewro (€1,750). Jidher mlll-atti li minn dik id-data' 'l quddiem il-konvenut waqaf jeffettwa l-pagamenti mensili. Almenu mill-atti ma jirrizultawx aktar pagamenti. Ghaldqsant il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs dan l-ammont, u cioe' tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€875).

[12] Fol. 228.
[13] Fol. 128.

"Dwar il-mobbli, l-attrici esebiet elenku tal-mobbli li skond l-attrici baqa' fid-dar.[14] Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut wera li kien dispost jaccetta li l-attrici tiehu l-effett mobbli li huma parafernali taghha u l-kumplament jinqassmu bonarjament bejn il-partijiet. Ghaldaqtant il-Qorti qed tordna illi l-mobbli li l-attrici identifikat bhala parafernali jigu assenjati lilha u l-kumplament jigu divizi bejniethom. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi l-mobbli, il-partijiet ghandhom jitolbu in-nomina ta' stimatur sabiex jaghti valur il-mobbli rimanenti, jigu divizi f'zewg porzjonijiet kemm jista' jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta' polza.

"Dwar il-vetturi jirrizulta li wahda ghadha qieghda f'idejn il-konvenut u l-ohra, Toyota TMT, inbieghet ghal prezz ta' Lm2,200 ekwivalenti ghal €5,123.80. Ghaldaqstant il-Qorti qed tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' €2,561.90. Il-vettura l-ohra, Peugeot 406 ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Dwar depoziti bankarji jidher li l-bilanci huma nominali filwaqt li l-izbilanci ma jirrizultax li minnhom gawdew iz-zewg partijiet. Ghalhekk il-Qorti qed tordna li nkwantu ghal depoziti bankarji dawn ghandhom jigu assenjati f'isem min il-kont bankarju relattiv jinstab u rigward l-izbilanci dawn ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom f'isem min il-facilita' bankarja relativa tinstab.

"Ghalkemm l-attrici qed tippretendi li hu l-konvenut ghad ghandu jaghti lill-komunjoni is-somma ta' €7,150.00; il-konvenut xehed li l-ammont kien gie mhallas lura kollu. Fi kwalunkwe kaz, ghall-finijiet ta' din il-kawza il-Qorti mhiex ser tiddeciedi u tiddikjara jekk ghadx hemm ammont dovut minn hu l-konvenut u/jew kemm hu l-ammont dovut. Tali ezercizzju jrid isir fi proceduri ohra li fihom ikun parti hu l-konvenut. Fir-rigward qed jigi deciz illi fl-eventwalita' li jirrizulta li ghad hemm ammont dovut minn hu l-konvenut lill-komunjoni, tali ammont ghandu jigi diviz bejn il-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

## L-aggravji

### *L-ewwel aggravju*

7. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni li z-zewg partijiet jahtu ghat-tkissir taz-zwieg f'sehem indaqs bejniethom

[14] Fol. 479.

kagun tal-adulterju tal-attrici min-naha u t-theddid bil-mewt u attakk vjolenti da parti tal-konvenut min-naha l-ohra.

8. Il-konvenut jissottometti li hu perikoluz li l-Qorti ma toqghodx fuq l-ahjar prova li tista' tingieb. F'dan il-kaz ix-xhieda tal-attrici ma giet korroborata b'ebda xhieda ohra, lanqas b'certifikat mediku jew rapport tal-pulizija. Jghid li kieku dawn iz-zewg incidenti sehhew verament, zgur illi l-attrici kienet tmur tghid lil ommha, izda ommha ma taghmel ebda accenn ghalihom fl-affidavit taghha. Jghid li, minkejja li hu dejjem cahad li "qatt wettaq dawn l-episodji" u l-attrici ma pproducietx provi in sostenn ta' dak allegat minnha, huwa xorta wahda nstab hati ta' ingurja gravi fil-konfront ta' martu.

9. Jilmenta li l-ewwel Qorti irriteniet illi incident wiehed ta' vjolenza domestika huwa gja` bizzejjed, sabiex jattira l-htija ghas-separazzjoni. Dan imur kontra dak assodat fil-gurisprudenza illi l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mgieba hazina persistenti mhux incident izolat jew minuri. L-ewwel Qorti tghid li ma taqbel xejn ma' din il-linja ta' hsieb u skartat gurisprudenza kopjuza li ilha tintuza decenni minghajr ma immotivat il-gudizzju taghha bir-ragunijiet li ghalihom hasset li f'dan il-kaz kellha tiddipartixxi minn dik il-gurisprudenza.

10. Jilmenta wkoll mill-mod kif l-ewwel Qorti skartat il-linja gurisprudenzjali li l-adulterju kien dejjem meqjus mill-Qrati taghna bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali; fil-kaz odjern naqset milli timmotiva d-decizjoni taghha ghalfejn ma ikkonsidratx l-adulterju bhala l-kawza l-aktar gravi u qeghditu fuq l-istess livell ta' ingurja gravi bazata fuq dawn iz-zewg episodji izolati.

11. Il-konvenut jissottometti illi, filwaqt li l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 hija tassattiva fil-konfront tal-attrici, fil-konfront tieghu kienet diskrezzjonali u f'dan il-kaz ma kellux jigi applikat dak l-artikolu fil-konfront tieghu meta kienet l-attrici li kissret irrimedjabbilment iz-zwieg ta' bejniethom bl-adulterju kommess minnha. Inoltre, ghalkemm huwa cahad iz-zewg episodji in kwistjoni, l-ewwel Qorti qieset l-ingurja gravi kommess mill-konvenut bhala gravi daqs l-adulterju.

12. Ghalhekk l-appellant jilmenta illi s-sentenza appellata ma kinitx taghmel gustizzja mieghu f'dan ir-rigward billi t-tifrik taz-zwieg kien principalment dovut ghall-adulterju tal-attrici.

13. Min-naha taghha l-attrici tirribatti billi tghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi u tissenjala l-fatt li dwar x'ikun gara

bejniethom bejn l-erba' hitan tad-dar wiehed jista' jevalwa biss it-testimonjanzi tal-mizzewwgin infushom.

14. In kwantu ghan-nuqqas ta' rapport lill-pulizija jew rapport mediku dwar l-episodji rakkontati minnha, l-attrici tghid li lanqas dan ma hu rilevanti meta wiehed jikkonsidra li f'dak iz-zmien il-parti leza kien ghad kellha biss 21 sena u ghalhekk kienet ghadha immatura. Inoltre, tghid li hi kienet, naqset milli taghmel rapport f'tentattiv biex issalva z-zwieg.

15. Tissottometti wkoll illi l-ewwel Qorti ma gharfitx illi l-hbiberija u s-sussegwenti relazzjoni ma' Brian Seguna kienet il-konsegwenza u mhux il-kawza tat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

16. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux fil-kaz ta' zball manifest li jwassal sabiex parti ssofri ingustizzja, jew jekk mill-provi akkwiziti dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

17. Ghalhekk din il-Qorti xorta ghandha d-dmir li tezamina sewwa l-provi mressqa u, barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi

u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja *[App.***C Attard v. Direttur tas-Sahha***, 31 Mejju 2014 citata b'approvazzjoni fil-kawza App.C, 31 April 2014]*.

18. Fit-tieni lok, din il-Qorti tirribadixxi li:

> "Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili *[PA* **Frank Giordmania Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo***, deciz 28 ta' April, 2004]" [App.S 836/01* **Joseph Zammit v. Joseph Bonello***, 27 Marzu 2015]*.

19. Fil-mertu din il-Qorti tosserva li, ladarba hija l-attrici li allegat il-vjolenza da parti tal-konvenut, l-oneru tal-prova huwa taghha illi tipprova tali allegazzjoni. Min jallega jrid jipprova kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u kif gie ripetut diversi drabi fil-gurisprudenza patria (vide per ez. **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 /05/1995).

20. Rigward iz-zewg incidenti li sehhew circa tlett gimghat qabel ma l-attrici iddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali, din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenut, imkien mill-provi, la fl-affidavit tieghu u lanqas fid-depozizzjonijiet tieghu, ma cahad l-allegazzjoni attrici fir-rigward.

21. Barra minn hekk, tosserva wkoll li, ghall-kuntrarju ta' dak sottomess mill-konvenut fl-appell tieghu, omm l-attrici Giovanna Cutajar[15] tixhed illi meta bintha kienet marret ghandha wara li telqet mid-dar hi kienet qaltilha bit-theddida tal-konvenut illi kien ser jaqtalha rasha b'sikkina.

22. Inoltre jigi osserevat li, anke jekk verament huwa minnu li l-incidenti kemm tat-theddid kif ukoll dak tal-*fan* sehhew, jirrizulta li dawn kienu zewg incidenti izolati li sehhew ftit taz-zmien qabel ma l-attrici iddecidiet titlaq mid-dar konjugali. Barra minn hekk, ma jidhirx li l-incident li fih il-konvenut allegatament "sawwatha" bi standfan kien wiehed gravi tenut kont li ma jirrizultax li l-attrici kienet garrbet xi griehi, la sar rapport lill-Pulizija u lanqas giet prezentata xi forma ta' prova li hi kienet sofriet xi griehi, bhal per ezempju ritratti jew certifikat mediku.

23. F'dan l-istadju huwa opportun li jigi osservat in tema legali li kif ritenut u ormai assodat fil-gurisprudenza patria, sabiex ikun hemm raguni fil-ligi ghat-talba ghas-separazzjoni fuq il-bazi ta' sevizji u maltrattamenti huwa mehtieg illi tali sevizji u maltrattamenti jkunu abitwali u ripetuti u jkollhom karattru ta' gravita` tali li juru sistema kostanti ta' vessazzjoni u disprezz, ta' oltraggi u umiljazzjonijiet li

---

[15] Fol. 259.

jirrendu insapportabbli l-koabitazzjoni u l-hajja konjugali *[vide PA* **Charmaine Zahra proprio v. Alfred Zahra** *27/6/2003].*

24. Fil-kaz odjern jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq il-konsiderazzjoni li l-imsemmija incidenti kienu l-"kulminu" ta' glied kontinwu bejn il-partijiet u attribwit lill-konvenut il-htija tas-separazzjoni bazata fuq ingurji gravi. Din il-Qorti pero` tosserva li mill-provi jirrizulta li l-litigji bejn il-partijiet kienu jkunu hafna drabi rizultat tal-komportament tal-konvenut li kien idejjaq jew, ahjar iwegga' emozzjonalment lill-attrici, bhall-incident rakkontat mill-attrici u mhux kontrastat mill-konvenut, fejn din qabditu jidhol fuq sit fuq il-computer fejn kienu jidhru diversi tfajliet russi b'ilbies imqaccat. Fl-affidavit taghha tghid li meta irrimarkatlu *"mela m'ghandekx lil min tara?"* hu irrispondiha li *"jekk igib wahda minn dawn ir-russi jkun ahjar ghalih"*[16]*.* Tghid li, konsegwenza ta' hekk il-partijiet tlewwmu u hi kienet irrifjutat li torqod mieghu ghal gimgha shiha. Dan l-incident ikkonfermatu fid-depozizzjoni taghha in kontro-ezami.[17]

25. Ma' dan tizdied l-allegazzjoni, mhux kuntrastata, tal-attrici li wara xi zmien wara z-zwieg il-konvenut beda juri nuqqas ta' interess fiha bhala martu u, minflok, kien joqghod jara l-pornografija.[18]

---

[16] Fol. 26.
[17] Fol. 398.
[18] Fol. 12.

26. M'ghandux ikun hemm dubju li dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut jikkwalifika bhala ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili stante li bir-ragun kien offenda profondament lil martu l-attrici.

27. Barra minn hekk l-attrici tghid li hu kien ihalliha nieqsa mill-flus u jippretendi li, filwaqt li hu jaghmel il-pagamenti bankarji u jhallas il-kontijiet tal-utilitajiet tad-dar, l-attrici kellha terfa' l-piz finanzjarju kollu tal-bzonnijiet tal-hajja ta' kuljum. L-attrici tghid li hi ta' sikwit kienet tisfa' bla flus ghax il-paga taghha ma kenitx isserviha u ghalhekk kien ikollha tirrikorri ghand ommha ghall-flus. Dan jinsab konfermat minn ommha fejn fix-xhieda taghha tghid li lill-attrici "kont naghtiha flus regolarment …. kemm kellha bzonn".[19]

28. Ghalhekk it-tezi tal-konvenut li hu ma kellux jinstab hati ghas-separazzjoni hija insostenibbli ghax il-provi juru mod iehor, kien hu li bil-mod kif kien igib ruhu mal-attrici, li fiz-zmien taz-zwieg kien ghad kellha 18-il sena filwaqt li hu huwa 8 snin akbar minnha, irrenda infelici l-konvivenza matrimonjali ghall-attrici.

29. Izda l-premess bl-ebda mod ma jfisser jew ghandu jitqies fis-sens li l-kawza tas-separazzjoni tirrisjedi biss fuq il-konvenut. Mill-provi

---

[19] Fol.430

jirrizulta car li gimghatejn wara s-separazzjoni *de facto* l-attrici ntlemhet[20] fil-kumpanija tal-kollega tax-xoghol taghha Brian Seguna li eventwalment ftit wara s-separazzjoni dahlet f'relazzjoni adulteruza stabbli mieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kellha taghti aktar piz lil dan il-fatt provat.

30. Din il-Qorti tosserva li, il-fatt li l-konvivenza matrimonjali tal-attrici ma kenitx wahda felici, ma jiggustifikax il-komportament taghha li tibda hbiberija ma' ragel iehor, titlaq mid-dar matrimonjali u tidhol f'relazzjoni adulteruza. Hija kellha tipprova ssolvi l-problemi riskontrati mill-partijiet fiz-zwieg billi titlob ghajnuna professjonali, jew titlob is-separazzjoni kif fil-fatt ghamlet, imma zgur ma jiggustifikax l-agir taghha li, ftit gimghat wara li telqet mid-dar matrimonjali, tidhol f'relazzjoni ma' terza persuna li kien jahdem maghha. Ezaminati c-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu ragun il-konvenut jissottometti li r-raguni li minhabba fiha l-attrici telqet mid-dar matrimonjali kienet sabiex hi tkun tista' tkompli l-hbiberija li kienet ghamlet ma' Brian Seguna li gimghatejn wara s-separazzjoni, kien diga` jidhol fid-dar ta' omm l-attrici. Huwa dan il-komportament tal-attrici li fil-fehma tal-Qorti wassal ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg, u l-htija principali ghas-separazzjoni tirrisjedi fuq l-attrici bi htija sekondarja tal-konvenut.

[20] Aff. Carmen Mercieca [fol. 58], aff. Giovanna Risiott [fol. 63] u aff. Konvenut [Fol. 56].

31. Rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-konvenut, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li dan l-artikolu ghandu jigi applikat fil-konfront tat-tnejn, mhux ghax, kif sottomess mill-konvenut, l-adulterju m'huwiex l-aktar raguni gravi tas-separazzjoni, izda ghax fic-cirkostanzi tal-kaz l-infelicita` li l-attrici irriskontrat fiz-zwieg kawza tal-komportament tal-konvenut, kienet raguni qawwija li wasslitha tikkoltiva hbiberija ma' ragel iehor.

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat limitatament fis-sens li ghas-separazzjoni/divorzju jahtu primarjament l-attrici u sekondarjament il-konvenut. Din id-differenza fil-htija ghandha tigi riflessa fil-kap tal-ispejjez relatati mal-ewwel istanza.

*It-tieni aggravju*

33. Dan jirrigwarda l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma mxietx b'mod gust fil-mod kif illikwidat u assenjat l-assi tal-komunjoni u skartat gurisprudenza ormai kopjuza, recenti u kostanti, kif ukoll ma inoltratx ruhha f'assi partikolari.

34. Fl-ewwel lok il-konvenut jikkontendi illi d-dar matrimonjali ghandha titqies bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, stante illi nxtrat meta l-attrici kienet ghadha minorenni u ma setghetx tidhol

f'kuntratt pubbliku.  Jghid li d-dar inxtrat ukoll fl-interess taghha u hija ikkontribwiet ukoll ghas-self fuq tali fond.  Konsegwentement is-self li fuqha ghandu jitqies taz-zewg partijiet u ghalhekk l-attrici ma tistax tippretendi li tinghatha lura l-pagamenti li hija hallset fuq id-dar meta kienet qed tikkoabita mieghu.

35. Minghajr dilungar zejjed dwar dan l-aggravju, din il-Qorti ma taqbilx mal-pretenzjoni tal-konvenut fir-rigward.  Sa mill-prezentata tan-nota guramentata taghha l-attrici accettat li d-dar matrimonjali mixtrija mill-konvenut qabel iz-zwieg hija l-proprjeta` parafernali tieghu.  Kif tajjeb tissottometti l-attrici fir-risposta taghha, f'ebda hin matul is-smigh tal-kawza, jekk mhux fi stadju tan-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenut ma ivvanta din il-pretenzjoni.

36. Inoltre, ladarba l-attrici qatt ma ressqet il-pretenzjoni li nofs id-dar hija taghha u ladarba ma rrizultax mill-provi li ghall-akkwist tad-dar il-konvenut kellu mandat da parti taghha sabiex jidher ghan-nom taghha fuq il-kuntratt u jakkwista d-dar anke f'isimha permezz tal-*prestanome*, din il-pretenzjoni tieghu ma ssibx sostenn fil-provi.

37. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car li din il-pretenzjoni tal-konvenut hija biss tentattiv da parti tieghu sabiex jakkolla l-piz tas-self li huwa ghandu fuq l-attrici wkoll.

38. Ladarba d-dar matrimonjali hija parafernali tal-konvenut, l-attrici ma ghandha ebda sehem minnha u ghalhekk ghandha d-dritt li tigi ikkumpensata ghall-hlasijiet li ghamlet il-komunjoni tal-akkwisti fuq is-self li kien sar sabiex jitlestew xoghlijiet fid-dar in kwistjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti in rigward.

39. Rigward l-ilment tal-konvenut illi l-ewwel Qorti ma stabbiliet ebda data li minnha l-attrici ghandha titqies hatja tal-firda, in kwantu din il-Qorti ikkonfermat il-htija taz-zewg partijiet ghat-tifrik taz-zwieg taghhom u applikat fil-konfront tat-tnejn id-dispost tal-Artikolu 48, ma hemmx lok illi tvarja l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti in rigward.

40. Rigward l-izbank tas-somma ta' €1,697 da parti tal-attrici, jirrizulta li jum wiehed biss qabel ma din telqet mid-dar matrimonjali, l-attrici kienet zbankat din is-somma[21] li tista' tghid kienet tirrapprezenta l-bilanc kollu, fil-kont intestat fuq isem l-attrici bin-numru 40012690549. Li dan l-izbank sar minghajr il-kunsens tal-konvenut u ghal skopijiet li ma jirrizultawx relatati mal-komunjoni tal-akkwisti huwa fatt li ma giex kontestat mill-attrici.

---

[21]jirrizulta li dan l-izbank, mill-istatement a fol. 335 tal-process, sar f'Lulju tas-sena 2008, jew ahjar ix-xahar li fih il-partijiet isseparaw de facto.

41. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li din il-parti tal-aggravju hija gusta u ghandha tigi milqugha, b'dan illi l-attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut nofs l-ammont ta' €1,697, jigifieri s-somma ta' €848.50 (mhux €648.50 kif jindika l-konvenut fir-rikors tal-appell tieghu).

42. Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' €1561.14 rapprezentanti pagament maghmul lill-attrici mis-socjeta` fejn kienet tahdem, jirrizulta li l-attrici kienet sarrfet ic-cheque relattiv fit-8 ta' Lulju 2008 skont Dok. RA3 a fol. 312. Dan l-ammont ukoll jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti in kwantu jirrapprezenta l-frott tal-hidma ta' wahda mill-partijiet meta l-komunjoni kienet ghadha vigenti. Tenut kont ukoll in-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-attrici fir-rigward, din il-parti tal-aggravju tirrizulta gustifikata u qeghdha tigi milqugha, b'dan illi l-attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' €780.57 rapprezentanti nofs is-somma hekk imsarrfa minnha ad insaputa tieghu.

43. Illi dwar il-vettura tat-tip Toyota mixtrija mill-partijiet fiz-zwieg, jirrizulta mill-kontro-ezami tal-konvenut a fol. 45 et seq illi din il-vettura kienet inxtrat fiz-zwieg permezz tal-facilita` tal-flexi credit. Meta l-bank beda jissikka lill-konvenut sabiex ihallas il-prezz kollu, huwa hallas l-ammont ta' €4,641.72 (Dok TF a fol. 462) permezz ta' €4,400 illi sellfuh il-genituri tieghu (Dok JR a fol. 461), u l-bilanc ta' €241.72 hargu hu minn butu. Meta mbaghad biegh il-vettura ghall-prezz ta' €5,123.80,

huwa irrifonda s-self li kienu ghamlulu l-genituri tieghu, b'dan illi l-profitt fuq l-imsemmija karozza jirrizulta li kien ta' €482.08.[22] Din il-Qorti ma taqbilx kwindi mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs is-somma tar-rikavat tal-bejgh taghha, ossia €2,561.90. L-ammont li l-konvenut irid jirrifondi lill-attrici huwa nofs il-qliegh li ghamel minn fuqha, jigifieri l-ammont ta' €241.04.

44. Rigward il-vettura tat-tip Peugeot 406, jirrizulta mill-affidavit tal-konvenut Dok. X a fol. 438 u l-annessi dokumenti, illi din inxtrat fiz-zwieg, f'Dicembru 2006 u fuqha thallset is-somma ta' €4,700 bhala deposit. Minn Jannar tas-sena 2007, bdew isiru l-pagamenti mensili ta' madwar €132.77. Il-konvenut jghid li dawn il-pagamenti baqa` jaghmilhom anke meta l-partijiet isseparaw *de facto*, kif jirrizulta minn Dok. B a fol. 441 – 442. Jixhed ukoll illi fis-sena 2011 huwa bidlilha l-magna ghal spiza ta' €1600. In kontro-ezami a fol. 447 et seq jghid li din l-ispiza hallasha minn flus li huh Sean kien hallsu lura ghal self ta' Lm1000 li l-partijiet kienu selfuh fiz-zwieg. Jghid li bil-bilanc li hallsu lura huh wara li qata' l-ispiza tal-magna tal-Peugeot *"hallast sehmha tal-loans u imbaghad meta Sean hallasni lura hadt il-flus jiena u gew ezatti mal-loans."* (fol. 450).

---

[22] €5123.80 - €4641.72 = €482.08.

45. Fi kliem il-konvenut stess ghalhekk, il-vettura tat-tip Peugeot giet imhallsa miz-zewg partijiet f'sehem indaqs u ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha tvarja d-decizjoni tal-ewwel Qorti sabiex din il-vettura tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet fi kwoti ugwali. Din il-parti tal-aggravju qeghda ghalhekk tigi respinta.

46. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh limitatament kif fuq spjegat.

*It-tielet aggravju*

47. Dan jirrigwardja l-kap tal-ispejjez fejn il-konvenut jilmenta illi minghajr ebda raguni ta' xejn, l-ewwel Qorti iddecidiet li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Jissottometti illi, anke skont gurisprudenza recenti, il-fatt li l-attrici kienet hatja ta' adulterju ghandu jirrifletti fil-kap tal-ispejjez. Jghid inoltre illi l-ewwel Qorti lanqas biss ikkonsidrat punt 54 tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fejn issottometta illi hafna seduti kellhom jithassru minhabba n-nuqqas ta' prezenza tal-attrici u/jew l-avukat taghha, b'dan illi hija hadet is-snin sabiex tezawrixxi l-provi taghha.

48. L-attrici naqset milli twiegeb ghal dan l-aggravju fir-risposta taghha.

49. Huwa car ghal din il-Qorti illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjez hija ibbazata fuq il-fatt illi hija sabet illi t-tifrik taz-zwieg sehh bi htija taz-zewg partijiet b'mod ugwali, u ghalhekk hija iddecidiet illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

50. Izda kif spjegat minn din il-Qorti fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju, peress li l-htija tal-ksur irrimedjabbli taz-zwieg qed tigi attribwita principalment lill-attrici u sekondarjament lill-konvenut, l-ispejjez relatati mal-ewwel istanza ghandhom jigu spartiti billi terz [$^1/_3$] jigi sopportat mill-konvenut u z-zewg terzi [$^2/_3$] l-ohra jkunu a kariku tal-attrici.

51. Dwar il-punt numru 54 tan-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, din il-Qorti tirrileva illi galadarba l-ewwel Qorti attribwiet l-ispejjez bil-mod kif ghamlet, dan ifisser illi l-ewwel Qorti ma qiesitx li din il-lanjanza tal-konvenut kienet timmerita konsiderazzjoni fl-ispartizzjoni tal-ispejjez. Din il-Qorti wara li rat il-verbali li saru quddiem l-Assistent Gudizzjarju kif ukoll il-verbali tal-udjenzi quddiem l-ewwel Qorti, hija tal-istess fehma.

52. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh kif fuq spjegat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu parzjalment, tirriforma s-sentenza appellata billi, tirrevoka dik il-parti fejn attribwiet il-

htija ghad-divorzju liz-zewg partijiet f'sehem indaqs u, minflok, tiddikjara li l-htija ghad-divorzju tirrisjedi principalment fuq l-attrici u sekondarjament fuq il-konvenut; tvarja s-sentenza rigwardanti t-tielet talba billi fis-sezzjoni intestata **"Konkluzjonijiet tal-Qorti dwar l-aspett patrimonjali"**, jigi ordnat li l-attrici tirrifondi lill-konvenut l-ammonti ta' tmien mija tmienja u erbghin euro u hamsin centezmu €848.50 u seba' mija u tmenin euro u sebgha u hamsin centezmu [€780.57] skont kif fuq stabbilit, kif ukoll billi tnaqqas ghall-ammont ta' mitejn wiehed u erbghin euro u erba' centezmi [€241.04] s-somma illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici mir-rikavat tal-vettura Toyota; tikkonferma s-sentenza ghall-bqija salv dak li qed jigi deciz dwar il-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jigu sopportati mill-partijiet in kwantu ghal zewg terzi [$^2/_3$] mill-attrici u terz [$^1/_3$] mill-konvenut; l-ispejjez relatati ma' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df